**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 40 – IT-TNEJN 25 TA' JANNAR 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fis-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
|---|---|---|
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Joseph Camilleri | Kunsillier |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru disa' u tletin (39) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Margaret Zammit talbet biex tagħmel l-intervent tagħha fuq il-Minuti Nru. 39 fejn irreferit għal paragrafu 12.3 u 12.4. Hi staqsiet x'sejjer jiġri wara li jgħaddu t-tletin sena mill-kuntratt tal-art u dwar ir-referendum għandhux isir qabel ma' jsir self mil-Bank.
Is-Sindku Anthony Dalli rrispondiha lil-Kunsill Lokali ħa ħsieb jiċċara t-terminu tal-Kuntratt mad-Dipartiment tal-Artijiet. Dwar ir-Referendum hu qal li diġa kiteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jitlob konferma għandhux isir Referendum peress li l-applikazzjoni saret is-sena l-oħra qabel ma daħlet fis-seħħ ir-riforma tal-Kunsilli Lokali.

1.3 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2 KORRISPONDENZA.

2.2 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn it-12 ta’ Jannar u l-25 a’ Jannar 2010

2.3 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 0193/10. Dan kien ilment fuqħofra kbira fi Triq Geronimo Abos. Il-Kunsill diġa ħa passi.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0110/10. Id-Dipartiment tal-Artijiet reġa’ bagħat draft tal-kuntratt tal-art ta’ Pjazza Ninu Cremona kif ġie emendat.

2.5 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 0158/10. Il-Kunsill kiteb lil-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta fuq twessiegħ ta’ żewġ toroq, Triq May Butcher u Triq Richard Taylor.

2.6 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 0161/10. Wara li l-Kunsill kien għamel *survey* mar-residenti ta’ Triq il-Mużika biex din it-triq issir one-way u din ġiet approvata fil-maġġoranza, il-Kunsill kiteb għal permess mingħand l-ADT.

Doc. A u B anness

## 3 ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta’ ilmenti bejn it-12 ta’ Jannar u l-25 ta’ Jannar 2010, kif tidher annesa bħala dokument C.

3.2 Rigward rapport Nru./119087 li d-dawl ta’ madwar il-bandli mhux qed jixegħelu wara l -maltemp; il-Kunsill ħa passi immedjatament.

3.3 Rigward rapport Nru. /119086 minn residenta li mal-faċċata tagħħa hemm wires mdendlin tad-dawl. Il-Kunsilli ħa passi u bagħat rapport lill-Enemalta.

3.4 Rigward talba Nru.18-01/1 biex tiġi mimlija ħofra quddiem residenza nru. 44 fi Triq Geronimo Abos; il-Kunsill Passi minnufih.

3.5 Rigward ilment Nru. 19-01/1 dwar parkeġġ ta’ vetturi “For Sale” fi Triq Dun Karm taħt it-tabelli tal-ħin. Dawn qed jkun ta’ inkonvenjent għar-residenti għaliex ma’jsibux parking. Il-Kunsill sejjer jerġa jieħu passi u jibgħat il-Wardens.

3.6 Rigward ilment Nru. /119169 fuq bozza maqtugħa Nru. 73 fi Pjazza Ninu Cremona; Il-Kunsill ħa passi u din issewwiet.

3.7 Rigward ilment Nru. 19/01-2 fuq sigra ħierġa minn propjeta' vojta faċċata tar-Razzett L-Aħmar; il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.8 Rigward rapport Nru. /119225 dwar drenaġġ li hemm ħiereg minn quddiem residenza Nru. 28 Triq Ġużè Ellul Mercer; il-Kunsill ħa passi mill-ewwel u rraporta lid-Dipartiment.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Segretarju ressaq il-kwotazzjoni li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand it-TMS – Traffic Management Services dwar it-'traffic count' li kien talab il-Kunsill f'diversi toroq.
Il-kwotazzjoni kienet ta' €800 mingħajr il-Vat.
Is-Sindku wara li raġa' taha indikazzjoni fejn kien sejjer isir 'it-traffic-count' talab il-kummenti tal-Kunsilliera.
Peress li kulħad kien qed jaqbel, l-ispiża ġiet approvata unanimament.

## 5. MATERJI KONNESSI MA'L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 03423/09 Biex tintrema' tinda tal-canvas f'nru. 113, Triq Geronimo Abos. L-applikazzjoni ġiet diferita għal aktar informazzjoni.

5.3 Dwar PA 02917/09 Biex tinbena bungalow, semi-basement u swimming-pool ġo Plot nru. 4 , Triq il-Wied.
L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.4 Dwar PA 02237/07. Sit tax-Xwieki, limiti tal-Iklin. Tibdil u arranġament ġewwa fuq il-permess PA 4561/04.
L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.5 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 05410/09. Korrezzjoni ta' sit minn dik approvata fuq

permess PA 5408/97. 113, Triq Geronimo Abos.

5.6 Il-Konsulent tekniku tagħna talab biex nagħmlu oġġezzjoni fuq applikazzjoni PA 01760/09. Majjorkin, Triq l-Iklin.

## 6. IL-PERFORMANCE BONUS TAL-ISTAFF.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli wara li talab lis-Segretarju biex iwarrab ftit sakemm jiġi diskuss dan l-item, hu qara il-Memo 1-10 li kien ippreżenta s-Segretarju.

6.2 Wara ftit s-Segretarju reġa ġie imsejjah lura fejn is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li l-Performance Bonus ġie approvat u jitħallas skond il-kriterji stabbiliti.

6.3 Hawn is-Segretarju r-ringrazzja lill-Kunsill kemm ghan-nom tiegħu kif ukoll għan-nom tal-Assistent Uffiċċjal Prinċipali tal-fiduċja li kienu qed juru fihom.

## 7. BUDGET 2010.

7.1 Is-Sur Dalli irrefera għal-Budget għal din is-sena u qal li qabel ma dan jiġi approvat trid issir il-Laqgha tal-Lokalita'.

7.2 Għaldaqstant wara li saru l-preparamenti kollha tal-istimi mis-Sindku us-Segretarju, dawn jiġu amendati jekk jkun hemm bżonn, dejjem skond l-andament tal-Laqgha tal-Lokalita'.

## 8. LAQGĦA TAL-LOKALITA'.

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li l-laqgħa ġiet iffissata għal nhar il-Ħadd 7 ta' Frar fl-10.30am. Din sejra issir bħas-soltu fis-Sala tal-Kunsill fi Triq Lewis F. Mizzi.

8.2 Bħal ma nagħmlu kull sena bgħatna l-avviżi kemm fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-gazzetti prinċipali.
Saru l-avviżi fin-Noticeboards tal-Kunsill u issa baqa' jinħareġ il-flyer biex jitqassam fid-djar.

## 9. IT-TENDER TAL-MANUTENZJONI U KISI TAT-TOROQ.

9.1 Is-Sur Anthony Dalli ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera lit-Tender hawn fuq imsemmi kien sejjer jiskadi fil-31 ta' Marzu 2010.

9.2 Għaldaqstant sejrin nitolbu lil- Contract Manager tagħna biex jipprepara it-Tender mill-ġdid biex jinħareġ għall-pubbliku.

## 10. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

10.1. Is-Sindku Anthony Dalli beda biex qara ittra li rċieva il-Kunsill mingħand il-Lija/Iklin Football Youth Nursery fejn dawn talbu għajnuna biex ikun jistgħu jikru "mobile toilets" sakemm jitlesta l-ground li jużaw Ħal-Lija. Il-Kunsill qed jara kif jista' jgħin.

10.2. Kellna stedina mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali biex nipparteċipaw fuq programm għal Kunsilli Lokali fuqTVM. Kull slot ta' nofs siegħa fil-ġimgħa kienet tiswa €200 għal kull Kunsill fejn seta' jitkellem dwar il-Kunsill tiegħu. Il-Kunsill tagħna ħas li dan l-ammont huwa iebes għal kunsill żgħir bħal tagħna u mhux sejjer jipparteċipa.

10.3. Is-Sindku 'mbagħad irrefera għal Memos li ħareġ id-Dipartiment dwar fond tal-Unjoni Ewropeja li kienu qegħdin għad-dispożizzjoni tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill tagħna applika għal dawn il-fondi
Memo 7/2010- Skema dwar aċċessibilita' aħjar fil-lokalita'
Memo 9/2010- Xogħol fuq Toroq Residenzjali
Memo 10/2010- Skema dwar proġetti ta' enerġija alternattiva.
Memo 15/2010- Fondi Speċjali għal-lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali.
Memo 16/2010- Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilita' ta' Librerija Lokali.

10.4. Barra minn dawn l-applikazzjonijiet, il-Kunsill talab l-għajnuna permess ta' ittra miktuba direttament lil-Onor. Dr. Chris Said biex tinbena mill-ġdid Triq il-Wied li fiha 1.1km tul u li l-Kunsill tagħna ma jiflaħx għaliha waħdu.

10.5. Is-Sindku irrefera wkoll għal-kuntratt tal-art fi Pjazza Ninu Cremona li dalwaqt jiġi ffirmat. Kellna diġa l-awtorizzazjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u kien baqa' biss niċċaraw il-klawsola dwar t-tiġdid tal-kera.

## 11. AĠĠORNAMENT

11.1 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgha ġiet fi tmiemha fis-6.20pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2010 fil- 5.30pm.

11.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 8 ta' Frar 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |